# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DEĊIŻJONI NRU 1789

Każ Nru 2449/FM

Fil-kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Anthony Azzopardi

u

Foster Clark Products Ltd (C 803)

dwar tkeċċija mill-impieg allegata
li hi nġusta

Data: 20 ta' Ġunju 2007

**Chairman: Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Ir-Rikors promotorju li ta bidu għal dan il-każ ġie intavolat mill-Avukatessa Joanne Vella Cuschieri f'isem l-Appellant Anthony Azzopardi fis-16 ta' Jannar 2006. Fih intqal li l-istess Appellant kien safa' liċenzjat minn mas-Soċjetà Appellata, Foster Clark Products Ltd (C 803), allegatament għal raġuni li mhix ġusta. Is-Soċjetà Appellata, li kienet rappreżentata mis-sur Claude Frendo *Administration/HRManager*, assistit mill-Avukat Matthew Brincat, ċaħdet dan. Inżammu ħames seduti.

Ai termini tal-Artiklu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad illi peress li ntalbu diversi differimenti u minħabba nuqqas ta' infrastruttura li jrid iħabbat wiċċu magħha t-Tribunal Industrijali ma kienx possibbli li deċiżjoni tingħata fi żmien xahar kif preskritt mil-liġi.

## 2. Fatti tal-Każ

Is-Soċjetà Appellata tgħid illi fit-2 ta'Novembru 2006 l-Appellant kien instagħab ħati li tmienja min-nies li kien responsabbli għalihom inqabdu li ma kienux libsin tagħmir protettiv. Dan waqt spezzjoni li kien preżenti għaliha hu. L-infrazzjoni kienet bi ksur tar-regolamenti ta' tas-Soċjetà Appellata u l-liġijiet ta' Malta dwar *health and safety*. Huwa kien ġie imwissi bil-miktub drabi oħra li jekk jippersisti fl-aġir tiegħu ta' negliġenza kien se jiġi mkeċċi.

L-Appellant jiċħad dan. Jammetti li kien hemm min kontra l-ordnijiet tiegħu naqas li jilbes tagħmir protettiv kif kien dovut li jagħmel. L-uffiċċju tiegħu kien distanti mix-*shopfloor* u dan it-tagħmir, *hearing protection*, kien żgħir u ma kienx jidher mill-bogħod. Jgħid ukoll illi ġranet qabel l-inċident imsemmi kien sar *assessment* fuqu mingħand uffiċjal tas-Soċjetà Appellata li kien ċċertifikah b'mod posittiv. Jgħid ukoll illi huwa ma ingħatax l-opportunità li jiddefendi ruħu skond ir-regoli ta' dixxiplina ta' l-istess Soċjetà Appellata qabel ma ġie liċenzjat. Jirritjeni li tali liċenzjament ma kienx validu u suffiċenti kif titlob il-liġi.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Dan it-Tribunal Industrijali dejjem irritiena li tkeċċija mill-impieg hija s-sanzjoni estrema li prinċipal jista' jagħti lill-impjegat. Għaldaqstant huwa neċessarju li r-raġuni għat-tkeċċija trid tkun waħda serja. Oltre dan trid tgħaddi mit-test tas-suffiċjenza, kif fil-fatt titlob l-istess liġi (artikolu 36(14) tal-Kap 452). Fuq dan l-isfond it-Tribunal ried jeżamina dan il-każ.

Fit-2 ta' Novembru 2006 saret spezzjoni għall-għarrieda fil-preżenza ta' l-Appellant biex jaraw il-ħaddiema kienux liebsin tagħmir protettiv. Irriżulta li tmien ħaddiema kienu nstagħabu mingħajr il-*hearing protection* kif stipulat fir-regolamenti inkluż wieħed li barra minn hekk ma kienx liebes l-ingwanti speċjali. Dawn ġew mogħtija *warning.* Iżda l-Appellant, li kellu l-kariga ta' *Assistant Factory Manager* u li kien fl-ufiċċju tas-*supervisor* qabel ma saret l-ispezzjoni ġie mogħti l-kastig estrem ta' tkeċċija. Irriżulta lit-Tribunal illi għad li l-Appellant kien responsabbli għan-nies ta' taħtu ma kienx mistenni li jkun il-ħin kollu fuq ix-*shopfloor*. Irriżulta wkoll illi dan it-tagħmir protettiv huwa speċi ta' tapp kulurit li huwa ntiż biex isodd widnejn il-ħaddiem biex jipproteġġih mill-ħsejjes li jagħmlu l-magni. Irriżulta wkoll illi s-*supervisor*, li jkun fix-*shopfloor*, ma kienx liebes tagħmir protettiv u ingħata twissija.

Li ma jistax jifhem it-Tribunal huwa kif numru ta' nies li kisru r-regolamenti ingħataw twissija, kif is-*supervisor* tagħhom li qiegħed *in situ* jikser ir-regolamenti hu stess u seta jara faċilment lil ta' taħtu jiksru r-regolamenti u kull ma ħa bħala kastig huwa twissija u fl-istess ħin uffiċjal li ma kienx fix-*shopfloor*, fejn kien ma setax jara l-infrazzjonijiet li saru, jiġi liċenzjat. Intqal li dan l-uffiċjal kellu twissijiet preċedenti. Iżda anke hawn it-Tribunal għandu d-dubji tiegħu. Per eżempju fil-każ tal-formula NI30 hemm konflitt ta' provi li jitfgħu dubji serji fuq l-allegat ħtija ta' l-Appellant.

It-Tribunal mhux konvint mill-ħtija ta' l-Appellant għal dak li huwa l-inċident li wassal għal liċenzjament tiegħu. Ma jarax li kien hemm dak il-livell ta' nuqqas li jimmerita t-tkeċċija għaliex fil-fatt ma jsibx li hemm dik il-ħtija li ġie addebitat biha.

## 4. Deċiżjoni

It Tribunal Industrijali jsib li l-Appellant Anthony Azzopardi ġie liċenzjat minn mas-Soċjetà Appellata Foster Clark Products Ltd (C 803) għal raġuni li la hi ġusta u lanqas suffiċjenti.

## 5. Kumpens

Peress li l-Appellant ma talabx speċifikament biex jerġa jiddaħħal għax-xogħol u wara li ra l-Artikolu 81(2a) tal-Kap 452 it-Tribunal mhux qed jordna ir-riimpieg tiegħu. It-Tribunal Industrijali lillikwida l-kumpens dovut lill-Appellant Anthony Azzopardi mis-Soċjetà Appellata fl-ammont ta' Lm700 li jridu jitħallsu immedjatament.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

## 6. Drittijiet

Ai termini tal-Avviż Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' Lm40 kull wieħed.

Franco Masini
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarja